MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Numru. 128/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
JAMAL MUFTAH SALEM BELKHEIR
MOHAMMED MOUFTIH AMOHAMMED HASSAN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputatl Jamal Muftah Salem Belkheir ta’ 28 sena, bin Muftah u Selima nee Xatti, imwieled Libja fit-13 ta’ Frar 1974 u li mghandhux indirizz fiss ID No 19809a u Mohammed Mouftih Amohammed Hassan, ta’ 30 sena bin Mouftih u Sliema nee Fge, imwieled Libja fl-1 ta’ Novembru 1973 u joqghod 55, Palm Street, Paola ID No 22019A talli fis-27 ta’ Jannar 2003 f’dawn il-gzejjer approprijaw rwiehhom, bili dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor u cioe mobile phone tal-ghamla Sagem li kieent giet fdata jew ikkunsinnata lilhom that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-add tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat:-

Talli f'dawn il-gzejjer fis-27 ta' Jannar 2003 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data gewa l-Belt Valletta u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Nalta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esperotazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Tawsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga imsemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga imsemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fi-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Peikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Jamal Muftah Salem Belkheir wahdu talli ikkometta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hiaj definittiva u datata 14 ta' Awissu 2002.

Talli kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 9 tal-kap 152 tal-ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 9 ta' Setembru 2002 fejn kien gie misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2003 fejn l-Qorti laqghet it-talba ghal-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Belkheir.

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2003 fejn l-imputat Belkheir ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tal-imputat Belkheir il-Qorti ssibu hati skond l-akkuza u wara li rat Art 309 tal-kap 9, Reg 4 u 6 tat-Taqsima tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi kap 101, Reg 8 tar-regoli tan-1939 dwar Kontroll intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif emendati mill-kap 101 u tikkundannah ghal erbgha xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat Belkheir qatta f'arrest preventiv.

Wara li l-Qorti rat is-sentenza sospiza tal-14 t'Awissu 2002 fejn l-imputat kien gie kkundannat tmintax il-xahar habs sospizi ghal sentejn din il-Qorti wara li rat Art 28A u 28B(2)(b) tal-kap 9 testendi l-perjodu tas-sospensjoni min sentejn ghal erbgha snin b'effett millum.

Kawza giet differita ghall-1 ta' Lulju 2003 fil-konfront tal-imputat Mohammed Mouftih Amohammed Hasan ghal kontinwazzjoni tal-provi.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------